# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 350.12

## REGOLAMENTI DWAR IL-POTERI TA’ INFURZAR LI GĦANDHA L-AWTORITÀ TAX-XANDIR

29 ta’ Diċembru, 2005

*L-AVVIŻ LEGALI 263 tal-2006, kif emendat bl-Avviż Legali 326 tal-2010.*

**1.** It-titolu ta’ dawn ir-regolamenti huwa Regolamenti dwar il-Poteri ta’ Infurzar li għandha l-Awtorità tax-Xandir. Titolu.

**2.** Sakemm f’dawn ir-regolamenti ma jkunx meħtieġ mod ieħor - Tifsir. *Emendat: A.L. 326 tal-2010.*

"l-Att" tfisser l-Att dwar ix-Xandir; Kap. 350.

"bejjiegħ jew fornitur" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika li, fil-każ tal-liġijiet li jipproteġu l-interessi tal-konsumaturi, tkun qegħda taġixxi għal finijiet li jkollhom x’jaqsmu man-negozju, kummerċ, sengħa jew professjoni;

"ksur intra-Komunitarju" tfisser att jew omissjoni kontra l-liġijiet li jipproteġu l-interessi tal-konsumatur, li jikkawżaw danni, jew li jistgħu jikkawżaw danni, lill-interessi kollettivi ta’ konsumaturi li joqogħdu fi Stat Membru jew fi Stati Membri ħlief għall-Istat Membru fejn l-att jew l-omissjoni jkunu oriġinaw jew ikunu saru jew fejn il-bejjiegħ jew il-fornitur responsabbli jkun inkorporat jew fejn ikunu jinsabu l-provi jew l-assi li jirrelataw għal dak l-att jew dik l-ommissjoni;

"liġijiet li jipproteġu l-interessi tal-konsumatur" tfisser id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 3h u 3i u l-Artikoli 10 sa 20 tad-Direttiva dwar Servizzi ta’ Mezzi Awdjoviżivi, Direttiva 2007/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Diċembru 2007 li jemendaw id-Direttiva tal-Kunsill 89/552/KEE fuq il-koordinament ta’ ċerti dispoż?izzjonjiet preskritti b’liġi, regolament jew azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-ġestjoni ta’ attivitajiet ta’ xandir televiżiv, pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fit-8 ta’ Diċembru 2007;

"Regolament 2006/2004" tfisser ir-Regolament (KE) 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta’ Ottubru 2004 dwar il-koperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali li huma responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi (test b’rilevanza għaż-ŻEE).

**3.** Għall-fini ta’ l-implimentazzjoni u tat-twettiq xieraq ta’ l-Att, ta’ kull liġi sussidjarja magħmula taħtu u tar-Regolament 2006/2004, l-Awtorità tax-Xandir qiegħda b’dan tiġi maħtura bħala l-awtorità kompetenti għall-finijiet ta’ l-imsemmi Regolament fil-każ tal-liġijiet li jipproteġu l-interessi tal-konsumaturi; u l-Awtorità tax-Xandir u l-uffiċjali jew l-impjegati tagħha għandu jkollhom dawn il-poteri addizjonali li ġejjin: Setgħat ta’ l-Awtorità tax-Xandir.

(*a*) li jidħlu u jagħmlu tfittxija ġewwa kull fond;

(*b*) li jkunu jistgħu jaraw kull dokument rilevanti, f’kull

forma li jkun, li jkollu x'jaqsam mal-ksur intra-Kommunitarju;

(*ċ*) li jkunu jeħtieġu l-għoti minn persuna ta' informazzjoni rilevanti li jkollha x'taqsam ma' ksur intra-Kommunitarju;

(*d*) li jagħmlu dawk l-ispezzjonijiet fuq il-post li jkunu meħtieġa;

(*e*) li jitolbu bil-miktub li l-bejjiegħ jew il-fornitur konċernat jieqaf mill-ksur intra-Kommunitarju;

(*f*) li jitolbu mingħand il-bejjiegħ jew il-fornitur responsabbli għal ksur intra-Kommunitarju garanzija li jieqaf minn dak il-ksur intra-Kommunitarju; u, fejn ikun meħtieġ, jippubblikaw kull garanzija bħal dik;

(*g*) li jitolbu l-waqfien jew il-projbizzjoni ta' kull ksur intra-Kommunitarju u, meta jkun meħtieġ, jippubblikaw id-deċiżjonijiet li jkunu ttieħdu;

(*h*) li jobbligaw lill-bejjiegħ jew lill-fornitur tellief li jagħmel ħlasijiet lill-Awtorità tax-Xandir, fil-każ li jonqos milli jikkonforma ruħu mad-deċiżjoni;

(*i*) li jieħdu dawk il-miżuri l-oħra li jwasslu għall-infurzar u l-implimentazzjoni tar-Regolament 2006/2004 skond l-istess Regolament.